# San Ġorġ Martri Dejjem Iħarisna

Kemm verament kienu għaqlin l-antennati tagħna li għazlu lil San Ġorġ Martri bħala l-patrun tagħna. Kemm għandna qaddis li tassew kburin bih. San Ġorġ, żgur li hu minqux fil-qlub tal-Qormin. San Ġorġ tagħna bla dubju huwa ġawhra fina, miżmuma b'għożża kbira.

Kif nistgħu ma nitgħannqux ma' Ġorġi tagħna! Dan qaddis kbir, hu magħruf mad-dinja kollha. Tmur fejn tmur, żgur se ssib xi bażilka, Knisja, Kappella jew xi xbiha ta' San Ġorġ.

Żgur ii mhux ħaġa ħafifa li tikteb dwar San Ġorġ. Dwar dan il-qaddis kbir hemm ħafna u ħafna xi tgħid. B'San Ġorġ, id-dinja kollha kburija bih.

Huwa unur tassew kbir għalina l-Qormin illi missirijietna rabtu l-ankri tagħhom ma' San Ġorġ. Raw il-kobor u l-qawwa ta' dan il-qaddis. F'kull ħtieġa il-Qormin, b'fiduċja kbira jirrikorru lejn San Ġorġ, biex jinterċedi għalihom.

**Il-Pesta 1813**

Hekk għamlu fl-1813 meta Malta nħakmet mill-pesta, Pietru Pawl Castagna ("Malta bilGżejjer Tagħha", Malta, 1865, Vol. 1, p.294) isemmi li f'Ħal Qormi mietu bil-pesta (ta' l-1813)14-ir ruħ. Iżda minn tfittix li għamilt fir-reġistru li jġib l-isem "Liber Defunctorum" "B" tas-snin 1778-1822, f'nota li hemm fuq dan ir-reġistru, hemm miktub li l-pesta bdiet f'Ħal Qormi fit-18 ta' Mejju 1813 u ntemmet fit-12 ta' Marzu, 1814. L-ewwel ma miet kien tifel ta' 12-il sena. Gużeppi Grech, bin Ġorġ, fit-18 ta' Mejju, 1813, u l-aħħar li mietu kienu: fid-9 ta' Marzu 1814 Gużeppa mart Indrì Cassar, u l-għada, fl-10 ta' Marzu, Indrì nnifsu ir-raġel ta' din Gużeppa. B'kollox, f'Ħal Qormi mietu 723 ruh - 54 minnhom ġo Lażżarett, fil-Forti Manoel, l-oħrajn fir-raħal stess, fid-djar u fl-Armerija li ntużat bħala sptar, bejn id-dati li diġa' semmejt, jiġifieri dawk tat-18 ta' Mejju 1813 u t-12 ta' Marzu, 1814. Fost dawk li mietu f'Ħal Qormi, kien hemm 2 qassisin u 2 tobba.

**Lampier tal-Fidda**

Biex juru l-ħajr tagħhom lejn San Ġorġ, ta' kemm interċeda quddiem Alla għall-Qormin, irregalaw lampier tal-fidda. Dan il-lampier huwa dak li naraw kuljum quddiem Ġesù Sagramentat. Biss dan il-lampier fil-ġranet tal-festa ta' San Ġorġ, jitpoġġa jixgħel fil-kor quddiem il-kwadru titulari dak tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ. Il-lampier fih fuqu din il-kitba bit-Latin: Georgio Patrono Inclyto Argenteum Lychnuchum Hunc Curminensi Populi Pietas in Grattissimi Animi Monumentum Anno MDCCCXV. Li bil-Malti tfisser: It-Tjieba tal-Poplu Qormi Offriet dan il-lampier tal-fidda lil San Ġorġ, Patrun Magħruf Tagħhom, b'turija ta' gratitudni Fis-sena 1815.

**Pellegrinaġġi**

Żmien ikrah ieħor kien fl-1850 u wkoll fl-1854, il-marda kerha tal-kolera kienet qed tirrenja fil-gżejjen tagħna. Il-poplu Qormi talab l-interċessjoni ta' San Ġorġ, biex jiġi protett u meħlus minn din il-marda qerrieda. Kien għalhekk li għamlu pellegrinaġġ bil-vara ta' San Ġorġ għall-knisja ta' Santa Marija Tal-Ħlas.

Mal-Faċċata tal-Knisja Ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, naraw ħames niċeċ. Fihom hemm l-istatwi ta' l-erba' evanġelisti u fin-nofs hemm l-istatwa ta' San Ġorġ Martri. Min jaf kemm il-darba waqt li nkunu sejrin fil-knisja, nħarsu lejha, ngħidu kemm hi sabiħa u nibqgħu deħlin. Imma tajjeb li nkunu nafu li dik l-istatwa ta' San Ġorġ kienet b'wegħda minn Ġanni Farrugia minn Birkirkara. Din tpoġġiet hemm b'radd il-ħajr lil San Ġorġ talli ħeles mill-marda tal-kolera fis-sena 1867. Qabel, meta din l-istatwa inżebgħat kif inhi llum, kienu jidhru sewwa u ċari l-ittri G.F. 1867. Ovvjament dawk l-ittri GF jfissru Ġanni Farrugia.

Okkażżjoni oħra fejn il-Qormin talbu l-għajnuna ta' San Ġorġ il-Patrun biex jidħol għalihom kien is-sena 1870. F'din is-sena kien hawn nixfa kbira u nuqqas ta' xita. Il-poplu Qormi reġa' fittex lill-Patrun San Ġorġ u għamel pellegrinaġġ

bi-istatwa titulari ta' San Ġorġ għall-knisja ta' Santa Manija Tal-Ħlas. Tul il-pelliegrinaġġ intqal talb biex l-art tiġġedded bil-grazzja ta' l-ilma.

La qed insemmi dawn il-pellegrinaġġi lejn il-Knisja tal-Ħlas, tajjeb li nsemmi ieħor. Fis-sena 2003 iċċelebrajna is-17-il ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ Martri. Għal din l-okkażjoni storika l-Kleru flimkien mal-poplu Qormi, f'pellegrinaġġ devot ħafna bil-vara ta' San Ġorġ għall-Knisja tal-Ħlas. Żgur li dan il-pellegrinaġġ li kien sar nhar it-Tlieta 22 ta' April 2003, jibqa' minqux fina l-Qormin. Żgur li qatt f'ħajti ma gawdejt lil San Ġorġ daqs dak inhar.

Mill-Knisja Arċipretali sal-Knisja ta Santa Marija, imxejt ħdejn din il-ġawhra imprezzabbli tal-vara ta' San Ġorġ tagħna.

X'ma nitpaxxewx kull darba li nħarsu lejh. Ħallih ħa jaqbeż bil-ferħ, id-demm fil-vini ta' ġisimna, kull darba li nlissnu l-isem ta' ĠORĠI.

Nispiċċa bi strofa li ħierġa minn qalbi bħal issa, lil San Ġorġ tagħna ngħidlu,

"Kemm nixtieq li kont xi anġlu
żgur nittajjar niġi ħdejk
dlonk imħabbti lilek nuri
waqt li nbus dawk sbieħ
ħaddejk."

Ħal Qormi

***Carmel Bianchi***



***San Ġorġ quddiem il-knisja ta' Sta. Marija tal-Ħlas***


Referenzi

Parroċċa San Ġorġ – Qormi. "Liber Defunctorum" "B" tas-snin 1778-1822, Karmenu Psaila, "I l-Knisja Arċimatriċi Ta' Ħal Qormi Bil-Ġrajja Tagħha" P.123 Kanonku Ġwakkin Schembri "Lampier Tal-Fidda".


---

**Nawguraw mill-Qalb lis-saċerdot Qormi, Patri Richard Attard O.S.A. f'għeluq il-Ħamsin Sena Saċerdozju.**

## Patri Richard Attard O.S.A.: 22-03-58 ~ 22-03-08
## AD MOLTUS ANNOS





IN
GRATEFUL REMEMBRANCE
OF MY
ORDINATION
TO THE
SACRED PRIESTHOOD
AND OF MY
FIRST SOLEMN MASS
RICHARD ATTARD
O.S.A.

Patri Richard twieled ġewwa Ħal Qormi fl-1934. Hu ċċelebra l-*prima messa* fil-Knisja Arċipretali fil-parroċċa tagħna nhar it-28 ta' April 1958.

Wara li daħal mal-Patrijiet Agostinjani, Patri Rikardu, kif inhu magħruf, wera l-ħajra li jmur jgħin fil-missjoni Brażiljana u hekk ħalla l-familja warajh u beda l-avventura missjunarja tiegħu ġewwa l- Brażil.

Tista' tgħid li Patri Rikardu jżomm l-appuntament, fejn kull sena jżur il-parroċċa tagħna u sa kemm idum hawn jagħti s-servizz tiegħu. Din is-sena biex ifakkar dan il-ġublew Patri Rikardu kien fostna wara l-festi ta' l-Għid.

